**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-24 ta' Frar, 2017**

**Talba numru: 387/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 45**

**GO plc (C22334)**

**vs**

**Dorothea Grech (342993M)**
**20, Blokk 11,**
**Triq Wigi Rosato**
**Bormla**

It-Tribunal,

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2016, illi permezz tiegħu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenuta fl-ammont ta' elf tlett mija u tlieta u erbghin ewro u sitta u disghin centezmu (€1,343.96c) in konnessjoni ma' servizzi moghtija mis-Socjeta' attrici lill-konvenuta fil-kontijiet numru 40298369 u 40195754 rispettivament.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata fis-06 ta' Ottubru, 2016 kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija baqghet ma prezentat ebda risposta u ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi. .

Ra l-verbal tas-seduta tal-10 ta' Novembru, 2016 li permezz taghha deher l-Avukat tal-konvenuta u talab zmien sabiex il-konvenuta tirregola ruhha u t-Tribunal in vista tal-fatt li l-konvenuta ma dehretx personalment biex tikkontesta t-talba u lanqas talbet zmien sabiex tikkontesta t-talba t-Tribunal kien iddikjara fl-istess seduta l-konvenuta kontumacja u dan kif osservat l-Qorti tal-Appell fis-sentenza Waste Control Services Limited vs Kunsill Lokali tal-Mosta fid-19 ta' Gunju, 2001 kif kwotata mill-Qorti tal-Appell (sede inferjeui) per Imh Ellul fil-kawza 13/14 AE Peter Gatt vs Brandon Theuma et deciza 29 ta' Jannar, 2016;

"Li kieku l-konvenut appellant, minflok qabad u pprezenta nota ta' eccezzjonijiet b'mod irritwali ghaliex kien totalment "fuori termine" u ma kienx awtorizzat jimxi diversament, intavola talba biex jiggustifika kontumacja tieghu jew ta' lanqas ottjena "visto" mil-kontro-parti, allura f'dak il-kaz l-ewwel Qorti kienet tkun obligata li ma tissorvolax tali operat imma l-konvenut appellant minn dan kollu m'ghamel proprju xejn. Kwindi l-pretensjoni tieghu li "n-nota (ta' l-eccezzjonijiet) kellha tigi gudikata" ma hijiex gusifikata fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz."

Ra l-affidavit ta' Melanie Pace in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici fis-seduta tat-03 ta' Frar, 2017 li permezz tieghu hija xehdet li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu u s-Socjeta' attrici ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta' attrici tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talbiet attriċi u jiddikjara li l-konvenuta hija debitrici tas-Socjeta' attrici fis-somma ta'elf, tlett mija u tlieta u erbghin ewro u sitta u disghin centezmu (€1,343.96c) bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mil-25 ta' Gunju, 2014 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż, inkluż ta’ kwalsiasi ittra uffiċjali  a kariku tal-konvenuta.

**Av. Anna Mallia**

**Gudikatur**